MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 1212/2007

**MALTA FAIRS & CONVENTIONS CENTRE LTD**
(C39678)

**vs.**

John Bernard **CAULFIELD** (passaport Ingliż numru 060075571) f'ismu proprju u eserċenti n-negozju ġestit minnu bl-isem Malta Music Festival kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Malta Music Festival Ltd (C42077)

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fid-19 ta' Novembru, 2007, li bih is-soċjeta' rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissrin, talbet li l-Qorti;

1) Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u

2) Tordna lill-konvenuti jħallsu lis-soċjeta attriċi s-somma bilanċjali ta' Lm 46,762.50 inkluż il-VAT ekwivalenti għal Euro 108,689.72

Bl-imgħaxijiet kummerċjali skond il-liġi mid-data ta' meta dawn l-ammonti ġew dovuti sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjeż inkluż tal-mandat ta' Sekwestru bin-numru 1642/07 u tal-Mandat ta' Qbid bin-numru 1641/07.

Il-konvenuti minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Rat illi r-rikors ġiet debitament notifikata lill-intimat proprio u nomine bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u l-affisjoni, li naqas li jdher għas-smigħ jew li jippreżenta risposta fiż-żmien moghti lilu mil-liġi u hekk baqa' kontumaċi.

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta' rikorrenti waqt is-smigħ tal-lum;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw pruvati.
Fil-kontumaċja ta' l-intimat proprio u nomine tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti kif dedotti fir-Rikors, u dan billi;

1) Taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ;

2) Tikkundanna lill-intimat proprio u nomine biex iħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' mija u tmint elef, disa' mija u sebgħa u għoxrin ewro u tnejn u tletin (ewro) ċenteżmi (€108,927.32) – ekwivalenti għas-somma ta' Lm 46,762.50 fi flus ta' qabel mitluba fir-Rikors Maħluf – rappreżentanti l-ammont dovut għal kiri ta' struttura, tagħmir u servizzi anċillari lilu mogħti fuq talba tiegħu, kif mitlub.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat proprio u nomine, u bl-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma li għandhom

jibdew jgħaddu b'effet mid-19 ta' Novembru, 2007, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------